**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta’ April 2025**

Rikors Numru: 632/2024 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 4169/2001)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-ikorrenti li permezz tieghu espona :

1. Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu nhar il-ħmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok 'CF1'**;

2. Illi r-rikorrent u l-intimata minn dan iż-żwieg kellhom żewġt (2) itfal ossia E B li twieled nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u wieħed (2001) li hija maġġorenni u F B li twieldet nhar is-sbatax (17) ta'

Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), ċertifikati tat-twelid tagħhom jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala **'Dok CF2' u 'Dok CF3'** rispettivament,

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nuttar Dottor James Grech li jinsab hawn anness u mmarkat bħala **'Dok CF4'**;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi huma mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi r-rikorrent u l-intimata rrinunzjaw mid-dritt li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin;

6. Illi r-rikorrent m'huwiex dovut iħallas il-manteniment għall-bżonnijiet tal-ulied lill-intimata u dan stante li ż-żewġ (2) ulied jaħdmu fuq bażi full-time;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Civili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant ir-rikorrent umilment u bir-rispett jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill- istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentatx risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illiipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Settembru 2017.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.